MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 422/2007

**A**

**-vs-**

**B et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Ottubru, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-4 ta' Lulju, 2003, Dok. A.

2. Illi huma sseparaw nhar it-30 ta' Novembru, 2006 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Miriam Musemeci Macelli, Dok. B.

3. Illi huma kienu ilhom ma jorqdu fl-istess kamra għal iktar minn sitt xhur qabel id-data tas-separazzjoni.

4. Illi fis-16 ta' Settembru, 2007 twelditilha tifla jisimha C, skond l-anness ċertifikat immarkat Dok. C, li fih l-intimat ġie mniżżel bħala l-missier tat-tarbija.

5. Illi t-tarbija C m'hijiex il-wild naturali ta' l-intimat, kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmija minuri C m'hijiex it-tifla naturali ta' l-intimat B, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti b'mod li għalhekk hemm lok għall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens.

2. Tordna għalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri C billi jiġu kkanċellati minn kull fejn jinsabu mniżżla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha ta' l-intimat B, u l-istess jiġu sostitwiti b'dak it-tagħrif illi jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut B, ippreżentata fil-21 ta' Jannar, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma:

1. Illi hemm qbil mal-fatti kif esposti mir-rikorrenti u għalhekk hemm qbil mat-talba attriċi, b'dan pero' li l-intimat m'għandux ibati l-ispejjeż tal-kawża li għandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

2. Illi l-intimat ma jaħtix għat-tqala u għat-twelid tat-tarbija li dwarha tittratta din il-kawża, u għalhekk hu m'għandux ibati l-ispejjeż tal-kawża li għandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-29 ta' Jannar, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li din l-azzjoni jidher li saret *ai termini* ta' l-Artiklu 77 tal-Kapitlu 16 u ma jidhirx illi hi dikjarazzjoni ta' *denegata* paternita', liema azzjoni tispetta biss lir-raġel ta' l-omm.

3. Illi jeħtieġ illi l-minuri tkun parti fil-kawża u li l-interessi tagħha jkunu rappreżentati minn kuraturi deputati *stante* li jista' jkun hemm kunflitt ta' interess.

4. Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu, il-kunjom tal-minuri għandu jiġi korrett.

5. Illi jeħtieġ li r-rikorrenti tindika jekk hijiex qegħda titlob li taħt il-kolonna li tispeċifika l-missier tal-minuri fl-Att tat-Twelid in kwistjoni, jekk għandux jitniżżel id-dettalji ta' 'missier mhux magħruf' jew id-dettalji ta' l-allegat missier naturali, li *se mai* irid jiġi kkjamat fil-kawża.

6. Illi jekk ir-rikorrenti ntavolat l-azzjoni odjerna *ai termini* ta' l-Artiklu 77 tal-Kapitlu 16, jeħtieġ li tipprova l-impossibbilta' fiżika bejn il-konjuġi B u bejnha fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri.

7. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat, li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

9. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif titlob il-liġi.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi, ta' ommha *omissis*, u ta' l-intervenut D.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern a fol 16.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha u rreġistrata bħala bint ir-raġel tagħha, hija fil-fatt ta' l-intervenut D, u dan huwa kkonfermat mill-konvenut. Jirriżulta li l-attriċi u żewġha sseparaw legalment ftit xhur qabel it-twelid tat-tifla C, iżda ġie reġistrat f'isem il-konvenut B minħabba li ma kienx għadda t-terminu ndikat mil-liġi.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn, 30 ta' Jannar,*

*1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attriċi, u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni ċara.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna li l-konnotati ta' l-intervenut D jiġu mdaħħla minflok dawk tal-konvenut B fl-att tat-twelid imsemmi fir-rikors.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi, iżda l-intervent D għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------